TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/371/12/S

Joe Gauci
Vs
Talal Sayed ezercenti l-kummerc bhala Phone World

Illum 27 ta'Settembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Joe Gauci ipprezentata fid-29 t'Awwissu,2011 u r-risposta ta' Talal Sayed ezercenti l-kummerc bhala Phone World datata 21 ta'Dicembru,2011;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda iPhone li beda' jishon u ma hadimx wara sena u tmien xhur minn meta inxtara;

Illi jidher li d-difiza tal-intimat hi primarjament li l-hsara kienet b'kagun li l-'mobile' in kwistjoni waqa';

Illi jinghad mal-ewwel li ghall-ezami tal-iPhone in kwistjoni, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad espert ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert ghalkemm tali rapport jindika fejn hi l-hsara u cioe billi l-'main board' instabet mghawwga, filwaqt li ma sabx evidenza meta ra l-qoxra tal-iPhone li l-hsara fil-'main board' saret minhabba waqa';

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

"...*Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...*";

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu quddiem dan it-Tribunal;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal u ghalhekk qed tigi skartata l-eccezzjoni li l-hsara fl-iPhone setghet saret minhabba li kien waqa';

Illi min-naha l-ohra, dan it-Tribunal ma jhossx li r-rikorrent ipprova li l-iPhone in kwistjoni kien difettuz fil-mument tal-bejgh u kien biss wara sena u tmien xhur mix-xiri tieghu li zviluppa l-hsara;

Illi jinghad ukoll li fl-assenza ta' garanzija *ad hoc*, dik legali ta' sentejn hi applikabbli;

Illi jigi rilevat li r-rikorrent stqarr li kien xtara 'mobile' iehor wara li l-iPhone in kwistjoni baqa' ma hadimx;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad l-eccezzjonijiet ta' Talal Sayed ezercenti l-kummerc bhala Phone World filwaqt li Jilqa' t-talba ta' Joe Gauci, limitatament ghal dak deciz u cioe billi Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €335 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.

Richard Sladden Av.
Arbitru